MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI) MALTA

## ONOR. IMHALLEF SCIBERRAS PHILIP LL.D.

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2002

Appell Civili Numru. 608/2001/1

**Elmo Insurance Agency Limited, in rappresentanza tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Duncan Barry u l-istess Duncan Barry**

**vs**

**Carmel Vella Clark**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta' Jannar, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"*Il-Qorti,*

*Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fit-22 ta' Gunju 2001 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-*

*atturi s-somma komplessiva ta' erba mija sebgha u erbghin lira tnax-il centezmu (Lm447.12c) [Lm372.12c lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Agency Limited noe u Lm75 lill-attur Duncan Barry] in linea ta' danni minnu kkagunati u minnhom sborsati in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Msida fis-16 ta' Jannar 2001, meta waqt li huwa kien qed isuq vettura numru EYR 100 habat mal-vettura numru JON 092 proprjeta' tal-attur Duncan Barry u misjuqa minnu - prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident huwa kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta' April 2001 u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma' l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mill-10 ta' April 2001, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.*

*Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:*

*1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante li l-incident awtomobilistiku mertu tal-kawza sehh unikament tort tal-attur Duncan Barry minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu hekk kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Semghet ix-xhieda bil-gurament.*

*Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara fit-Triq Rue D'Argens ezatt quddiem l-Ghassa tal-Pulizija ta' l-Imsida. Involuti kien hemm il-karozzi JON 092 misjuqa*

*minn Duncan Barry u EYR 100 misjuqa mill-konvenut Carmel Vella Clark. Iz-zewg karozzi kienu qieghdin isuqu fl-istess direzzjoni. Il-konvenut pero' ried idur lejn ix-xellug ghal go Rue D'Argens, waqt li Duncan Barry kien ser jibqa' jsuq dritt biex imur fid-direzzjoni tal-Pieta'.*

*L-attur Duncan Barry xehed illi huwa kien niezel minn Regional Road u dar lejn ix-xellug mal-Malta Labour Party Club u ried jibqa sejjer dritt fid-direzzjoni tal-knisja tal-Imsida biex imbaghad imur lejn il-Pieta'. Meta wasal hdejn il-bokka ta' Rue D'Argens, ra l-karozza l-ohra misjuqa mill-konvenut gejja minn fuq il-lemin tieghu. Dina qasmet minn quddiemu izda ma setghax jevita l-incident u baqa diehel fiha fuq in-nofs tan-nahha tax-xellug.*

*Il-konvenut ighid illi huwa kien qed idur mal-Monument tal-General Workers Union, gie quddiem iz-zebra crossing, waqaf biex jara kienx hemm xi karozzi gejjin minn fuq ix-xellug tieghu, xeghel l-indicator biex jindika li ser idur lejn ix-xellug, ra l-karozza ta' Barry qieghda warajh fuq in-nahha tax-xellug xi distanza 'l boghod u beda jdur. Hekk kif beda jdur imbaghad giet din il-karozza ta' Barry u baqghet diehla fuqu.*

*Ikkunsidrat:*

*Jinghad mill-bidu nett illi l-wesa illi hemm f'dawk l-inhawi bejn il-Malta Labour Party Club u l-Ghassa tal-Pulizija ta' l-Imsida ghandha titqies bhala zona perikoluza hafna. Hemmhekk ghandek sitwazzjoni fejn diversi rotot jiltaqghu flimkien minghajr ebda direzzjoni ta' xejn. Jigu karozzi minn Regional Road, karozzi minn Valley Road, karozzi mill-Pieta' li jduru mal-Monument tal-General Workers Union u kollha jiltaqghu f'din il-wesa, parti minnhom iduru lejn Rue D'Argens u parti minnhom jibqghu sejrin dritt biex iduru lejn il-Pieta'. Hawnhekk hemm zebra crossing fin-nofs fejn il-karozzi ghandhom jieqfu u jcedu ghan-nies li jkunu qed jaqsmu, pero' f'xi hin jew iehor il-karozzi ser jinkrocjaw lil xulxin minghajr ebda direzzjoni ta' xejn ghajr l-attenzjoni u l-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tas-sewwieq. Ghalhekk dik il-parti tat-triq ghandha titqies bhala wahda b'regoli sui generis li fiha kull sewwieq*

*ma ghandu jassumi xejn, ma hemm l-ebda drittijiet u sewwieq ghandu joqghod attent mhux biss ghal dak illi jaghmel hu, imma ghal dak li qed jaghmel haddiehor. Mhuwiex bizzejjed illi wiehed ihares lejn il-mirja imma ghandu joqghod ferm u ferm attent min ser jaqsam u fejn. Mhijiex inverosimili s-sitwazzjoni fejn karozza li tkun gejja minn Regional Road tkun trid tibqa sejra dritt lejn il-Pieta' u karozza ohra gejja minn naha tal-wied ta' B'Kara tkun trid taqsam il-karreggjata ta' din il-karozza biex tmur lejn Rue D'Argens.*

*Din is-sitwazzjoni ta' inkrocji kontra xulxin tikkrea tensjoni u anzjeta minn fost is-sewwieqa ghax ma jistghux jipprevedu jew b'xi mod ikunu jafu x'ser jaghmel haddiehor, iktar u iktar jekk dana jkun ghaddej parallela mieghu. Dana jfisser li kull sewwieq irid juza l-indicator, ihares kontinwament fil-mirja anke waqt li qed jaghmel il-manuvra tieghu biex jassigura illi ma jkunx ta' ostakolu ghal hadd. L-aktar regolament importanti f'dan l-inkrocju huwa, illi fejn hemm id-dubbju, cedi. Sewwieq ma ghandux jibqa jinsisti li ghandu ragun ghax f'dik it-triq partikolari m'hemm hadd li ghandu precedenzi partikolari fuq haddiehor.*

*F'dan il-kaz il-Qorti jidhrilha illi z-zewg sewwieqa ghandhom tort ghal dak li gara. L-attur ghandu tort ghax huwa ma ndikax bizzejjed l-intenzjonijiet tieghu lil haddiehor illi huwa kien sejjer jibda dritt u jdur lejn il-lemin. Anke f'dak l-istadju daqshekk bikri huwa messu ghamel is-sinjal li ser idur lejn il-lemin mal-Monument tal-General Workers Union,  biex dawk li jkunu fuq il-lemin tieghu jindunaw mall-ewwel illi dak sejjer dritt u mhux ser idur ghal Rue D'Argens.*

*Il-konvenut minn naha l-ohra qabad u dar lejn ix-xellug minghajr ma assikura li ma kien hemm hadd fuq in-nahha tax-xellug tieghu proprju f'dak il-mument illi kien qieghad idur. Xehed illi huwa ra l-karozza ta' l-attur xi tletin jarda 'l boghod. La kien jaf  illi kien hemm karozza ma kellux dritt jassumi illi dik il-karozza kienet ser iddur lejn ix-xellug. Ighid illi ra l-indicator mixghul. Dana jista jkun, pero' l-attur jinnega illi kellu indicators mixghulin f'dak l-istadju. Hu*

*xinhu, bhal ma diga  nghad il-konvenut messu qaghad ferm u ferm attent ghall-vetturi fuq ix-xellug tieghu u messu kontinwament hares lejn il-mera tax-xellug biex jassigura illi dik il-karozza illi kienet 30 jarda 'l boghod minnu ma avvicinatux fil-frattemp.*

*Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi f'dan il-kaz iz-zewg sewwieqa huma responsabbli fi grad ugwali bejniethom u ghal dan ghandhom iwiegbu.*

*Ghal dawn il-motivi,*

*Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt tiddikjara illi z-zewg sewwieqa, l-attur Duncan Barry u l-konvenut Carmel Vella Clark responsabbli ghal dan l-incident fi grad ugwali bejniethom, liema ncident gara quddiem Rue D'Argens, il-Pieta' fis-16 ta' Jannar 2001 bejn il-vettura JON 092 misjuqa minn Duncan Barry u l-vettura EYR 100 misjuqa mill-konvenut u dana minhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku dovuti liz-zewg sewwieqa.*

*Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' mitejn tlieta u ghoxrin lira u sitta u hamsin centezmu (Lm223.56c) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur dan l-ammont hekk likwidat.*

*Bl-ispejjez u interessi legali mid-data ta' din is-sentenza li ghandhom jithallsu mill-partijiet fi kwoti ugwali bejniethom.*"

L-atturi hassewhom aggravati b'dik is-sentenza u nterponew appell lil dina l-Qorti fuq l-aggravju li l-ewwel Qorti messha sabet lill-konvenut appellat unikament u esklusivament responsabbli ghall-incident u kkundannatu jhallas id-danni shah, kif minnhom mitlub fl-Avviz.

Huma jaskrivu l-htija kollha lill-konvenut ghax jippretendu li fil-lokalita' in kwistjoni kellhom jimperaw ir-regolamenti soliti tat-traffiku, u mhux xi regoli "sui generis".  Isostnu, b'konsegwenza, illi l-attur Duncan Barry, li kien gej fil-

kurrent tat-traffiku, kellu l-precedenza fuq il-konvenut li kien qed jikser dak il-kurrent.

Mill-qari tas-sentenza jidher li kien l-assjem ta' certi riljievi li kkonvinca lill-ewwel Qorti li t-tort ghall-habta kellu jkun attribwibbli fi grad ugwali bejn iz-zewg sewwieqa. Anke jekk ma jaqblux ma' din il-konkluzjoni milhuqa, l-atturi ghandhom jikkoncedu li l-ewwel Qorti ghamlet ezami akkurat tat-topografija tat-triq fejn issuccediet il-habta. Ukoll jidher li ezaminat sew certi aspetti partikolari u specifici ghal din il-kollizjoni, jigifieri l-obbligi li kellhom josservaw is-sewwieqa fil-manuvri taghhom, komprizi il-fatti antecedenti u konkomitanti ghall-istess habta.

L-appellanti jargomentaw illi f'materja ta' sewqan huma r-regolamenti maghrufa u t-tharis u l-ksur taghhom li jiddeterminaw ir-responsabilita' u mhux gudizzju approssimattiv jew addirittura gudizzju bazat fuq l-ekwita'. Dan l-argoment huwa in linea ta' massima generali korrett. Dan pero' mhux dejjem hu hekk f'kull kaz. Gie senjalat per ezempju fis-sentenza "**Il-Pulizija –vs- Temi Zammit**", Appell Kriminali, 13 ta' Jannar 1962 (Vol XLVI pIV p763) ili "*wiehed ma japplikax dawk ir-regolamenti b'mod inflessibbli ghal kull xorta ta' lokalita*". Dan in ragun ghall-fatt illi jezistu lokalitajiet "*li fihom ma hemmx bzonn li r-regolament jigi osservat "ad unguem"*."

Ovvjament dan ma jfissirx illi d-drivers ma ghandhomx iharsu l-principji stabbiliti in materja ta' incidenti tat-traffiku stradali, jigifieri l-obbligu li kull driver jirregola s-sewqan skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi li jkun jinsab konfrontat bihom, u l-obbligu li jzomm dak li tissejjah 'a reasonable careful look out', liema obbligu jgib mieghu b'dover li d-driver jara dak li jkun ragonevolment vizibbli ("**Giuseppa Debono –vs- Philip Camilleri et**", Appell Civili, 23 ta' Frar, 1962).

Ghaldaqstant f'materja ta' determinazzjoni ta' responsabilita' ghall-incident awtomobilistiku l-Qorti ghandha dejjem tkun gwidata minn dawn il-principji u tiggudika skond dak li jkun irrizultalha li kienet il-kawza li tat lok ghas-sinistru.

Jirrizulta illi l-lokalita' fejn gara l-incident ghandha fattezzi partikolari. It-traffiku fl-inhawi ma hu xejn organizzat. Ma jezistu l-ebda sinjali specifici. Il-karozzi gejjin mid-direzzjoni tal-Belt li jaghmlu uzu minn speci ta' rampa hdejn il-monument tal-G.W.U. jikkonvergu u jiltaqghu ma' vetturi gejjin jew mid-direzzjoni ta' B'Kara ossija Valley Road jew mid-direzzjoni ta' Regional Road. Kif gustament osservat mill-ewwel Qorti, mill-konfigurazzjoni ta' din il-parti tat-triq, ma jistax jigi assunt li jezistu drittijiet specjali ta' precedenza. Ghandek vetturi li jinkrocjaw f'xulxin uhud li jridu jmorru fid-direzzjoni ta' Rue D'Argens u ohrajn fid-direzzjoni lejn tal-Pieta'. Din hi s-sitwazzjoni u allura l-ebda sewwieq ma ghandu ragjonevolment jippretendi li ghandu xi drittijiet aktar mill-iehor. L-unika pretensjoni dettata mir-raguni, l-principju u d-dover hi dik ovvja u pacifika tal-massima attenzjoni. Dan ghandu jkun hekk dejjem.

Huwa indubitat illi kull kaz ghandu l-fattispeci singolari tieghu. Fil-kaz in ezami ghandek l-attur Duncan Barry li kien gej mid-direzzjoni ta' Regional Road minn hdejn il-kazin tal-Labour tal-Imsida qed isuq fil-korsija tax-xellug biex imur fid-direzzjoni tal-Belt. Huwa jistqarr li nduna bil-car tal-konvenut ezatt qabel l-impatt meta din qasmet minn quddiemu.

Fil-verzjoni tieghu tal-fatti l-konvenut xehed li hu kien gej minn naha tal-Imsida, ghamel uzu mir-rampa hdejn il-monument tal-G.W.U., xeghel l-indicator, u meta avvicina z-zebra crossing waqaf, hares fuq ix-xellug tieghu, lemah karozza bl-indicator tax-xellug mixghul, u billi assuma li s-sewwieq taghha wkoll ried idur ghal Rue D'Argens, beda jdur hu wkoll ghal go din l-istess triq u l-car l-ohra dahlet fih.

Fil-kors tal-kompilazzjoni tal-provi qamet il-kwistjoni dwar l-indicators u ta' min kien mixghul jew le. Dan hu sa certu punt rilevanti ghalkemm din il-Qorti ma taqbilx ma' dak ritenut fis-sentenza illi l-attur Barry kellu xi obbligu jaghmel senjalazzjoni partikolari li turi li kien ser ikompli sejjer fid-dritt fi triqtu ghall-Belt. Ikun forsi desiderabbli li dan isir

konsiderat is-sitwazzjoni topografika f'dik il-parti tat-triq, pero’ dan ma ghandux jissarraf f’xi obbligu li in assenza tieghu tippenalizza lis-sewwieq li jkun gej fil-flow of traffic.

Dan stabbilit il-Qorti taccenna ghal konsiderazzjonijiet li gejjin:-

1. Il-prudenza fis-sewqan kellha tissugerixxi lill-konvenut illi la kien intenzjonat jikser fuq ix-xellug biex jidhol f’Rue D’Argens huwa kellu juza grad aktar gholi ta’ attenzjoni gjaladarba htieglu jittraversa t-triq. Multo magis, imbaghad, meta, kif konfessat minnu, huwa kien minn qabel ma beda l-manuvra tieghu osserva l-vettura tas-sewwieq Barry qed tavvicina lejh. Una volta ghazel li jittanta l-manuvra li ghamel kellu certament l-obbligu li jaccerta ruhu li seta’ jkompli u jtemm din il-manuvra minghajr ma jfixkel it-traffiku gej ghad-dritt.

L-appellat inoltre jafferma li waqaf. Imma kieku verament f’xi hin waqaf, jew ma harisx jew ma harisx sew, jew dehrlu sahansitra li seta’ jilhaq jizgicca qabel ma l-vettura tas-sewwieq l-iehor resqet lejh. Il-manuvra tieghu ma kellhiex tkun wahda azzardata bazata fuq x’seta’ assuma izda invece fuq accertazzjoni kompleta. Jekk kif jghid hu hares fuq ix-xellug u ra l-car tal-attur xi tletin jarda l-boghod dan il-fatt ma kienx jiggarantilu illi seta’ jibda, ikompli u jtemm l-istess manuvra bla riskju.

2. Minn naha l-ohra huwa veru li l-attur Duncan Barry kien qed isuq fi triqtu u ghad-dritt imma hu jaf, jew messu kien jaf, illi f’dik il-lokalita’ hekk notorja ghandek zewg toroq principali uzati frekwentement mill-utenti u fejn il-fluss tat-traffiku hu kontinwu. Ghalhekk kien jinkombi fuqu wkoll li juza prudenza u attenzjoni u mhux iqieghed lilu nnifsu fis-sitwazzjoni illi rinfaccjat bil-car tal-konvenut, li mill-iskizz jidher ovvju li kienet gja qed tittraversa t-triq, ma gharafx jiffrena u jwaqqaf tempestivament il-vettura tieghu. Rebus sic stantibus, il-manuvra li ghamel il-konvenut seta’ jaghmilha u fil-fatt beda jaghmilha u ma kenitx vjetata mill-ebda regolament, ghajr id-dettami tal-attenzjoni u l-prudenza f’dak il-mument.

Salv ghas-suesposti osservazzjonijiet ma jidherx, kollox ma' kollox, illi l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti kien wiehed zbaljat. L-istess jista' jinghad ghal mod kif dik il-Qorti spartiet il-htija. Huwa ben akkolt fil-gurisprudenza taghna, bhala konsiderazzjoni ta' dritt illi hu mholli dejjem fid-diskrezzjoni tal-Qorti, fejn ikollok htija kontributorja, li tistabilixxi l-proporzjon li fiha l-partijiet ikunu kkagonaw id-dannu. Ma tezisti l-ebda regola prestabilita mil-ligi stess li tistabilixxi l-proporzjon ghan-nofs jew xi frazzjoni ohra. Kollox f'kull kaz jiddependi mic-cirkostanzi partikolari tieghu. B'danakollu, kif rilevat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Joseph Galdes –vs- Victor Micallef**", Appell Civili, 20 ta' Jannar 1964, "*tibqa' valida bhala massima prattika ta' bon sens dik li din il-Qorti applikat diversi drabi f'kawza ta' danni, fis-sens illi "it is a sound rule that when the case is such that the blame cannot with any certainty be apportioned, the liability should be apportioned equally".*"

Din il-Qorti ta' revizjoni ma thossx illi fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz ghandha tiddisturba fir-rigward id-diskrezzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi tichad l-appell tal-atturi u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez ta' dan l-appell a kariku tal-atturi. Dawk ta' l-ewwel istanza jibqghu kif stabbilit fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti.

Dep/Reg
cb